MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PETER BORG COSTANZI**

Seduta tal-15 ta' Lulju, 2005

Talba Numru. 985/2004

**Thomas Smith Insurance Agency Limited kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha bil-polza u bil-ligi, u l-assikurat taghha Tyrone Caruana**

**Vs**

**Francis Gatt**

## It-Tribunal

Ra l-Avviz tat-talba li bih l-atturi talbu li l-konvenut jigi kkundannat ihallas is-somma ta' erba' mija u tlieta u disghin lira Maltin u sitta u sebghin centezmu (Lm493.76c) rapprezentanti danni rizultanti minn kollizjoni li sehhet fis-6 t'April, 2003 fi Triq Carmelo Ritchie kantuniera ma' Triq Carmelo Penza, Xghajra, Malta bejn il-vettura Lada Samara misjuqa mill-konvenut bin-numru ta' registrazzjoni BAV 958 u l-vettura Renault Clio bin-numru ta'

registrazzjoni DBI 391 proprjeta' ta' Tyrone Caruana u misjuqa minn Shirley Abela.
Ra r-Risposta tal-konvenut li biha rrespinga l-allegazzjonijiet kollha maghmula mill-atturi bhala nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li ghall-incident in kwistjoni kienet unikament responsabbli s-sewwieqa tal-vettura bin-numru ta' registrazzjoni DBI 391 ossija Shirley Abela kawza ta' mprudenza, mperizja u nuqqas ta' osservazzjoni tar-regolamenti tat-traffiku da parti taghha.

Sema' x-xhieda ta' Shirley Abela, PS 161 Tony Cachia, Tyrone Caruana, Francis Gatt u Henry Middleton.

Sema' t-trattazzjoni ta' Dr Massimo Vella ghall-atturi u ta' Dr Nicolai Muscat Farrugia ghall-konvenut.

**Ikkunsidra**

Illi l-kollizjoni in kwistjoni sehhet fi Triq Carmelo Ritchie, Xghajra, Zabbar liema triq hija triq dritta u dak iz-zmien ta' l-incident kienet fi stat ta' kostruzzjoni fis-sens illi ma kienetx asfaltata u kienet ghadha terrapien.

Ma kienx hemm traffiku iehor ghaddej minn din it-triq hlief il-vetturi in kwistjoni.

Francis Gatt kien qed isuq f'din it-triq u mieghu kellu lil Henry Middleton u passiggier Germaniz fuq wara. Il-karozza tieghu hija 2-door. Hin minnhom meta wasal qrib Triq Carmelo Penza, Gatt waqaf, nizzel lill-Germaniz, liema Germaniz hareg mill-bieba tal-passiggier izda minn hemm 'il quddiem jibdew l-inkonsistenzi dwar ezattament x'ghamel l-istess Francis Gatt.
Fix-xhieda tieghu quddiem dan it-Tribunal Francis Gatt qal illi Henry Middleton hareg mill-karozza mbaghad hareg il-Germaniz, Middleton rega' dahal, ghalaq il-bieba u Gatt saq lejn in-naha l-ohra tat-triq bl-intenzjoni li jaghmel U-turn, izda billi l-karozza tieghu m'ghandhiex *turning circle* bizzejjed, huwa kien appik biex jirriversja. Qabel ma beda l-manuvra tar-*reverse* huwa jghid li xeghel sigarett u ta wiehed lil Middleton u xeghluh u lanqas kellu cans idahhal il-gear fir-*reverse* meta f'daqqa wahda giet il-vettura

misjuqa minn Abela u baqghet diehla ghal go fih minn wara.

Middleton xehed illi huma verament waqfu biex jinzel il-passiggier Germaniz izda jsostni illi huwa baqa' gol-karozza u tbaxxa 'l quddiem biex b'hekk il-parti ta' wara tas-seat tieghu tintlewa 'l quddiem u b'hekk hareg il-Germaniz. Huwa jghid ukoll, kontrarjament ghal dak li qal Gatt, li huma bl-ebda mod ma saqu 'l quddiem izda wara li hareg il-Germaniz, huma hadu sigarett u qabel ma Gatt kellu c-cans biex jirriversja, sehhet il-kollizjoni.

Il-verzjoni ta' kif sehh l-incident kif irrapportat fl-okkorrenza tal-pulizija hija daqsxejn sibillina fis-sens illi l-verzjoni ta' Gatt hija mnizzla hekk:

"Kont gej minn hawn (Triq Carmelo Ritchie) gejt biex indawwar biex nohrog 'il barra, lanqas ilhaqt dahhalt ir-*reverse* li sibtha mieghi."

Minn qari akkurat ta' din il-verzjoni wiehed jista' jifhem illi Gatt kien ghadu kif dahhal il-gear fir-*reverse*, izda quddiem dan it-Tribunal Gatt afferma ripetutament li huwa ma kienx dahhal il-gear.

Mela hawnhekk ghandna tlett verzjonijiet differenti dwar ezattament x'kien is-sewqan ta' Gatt.

It-Tribunal ezamina sew l-i*sketch* esebit mis-Surgent u minn hemm wiehed jinnota illi l-kollizjoni sehhet fin-naha tax-xellug ta' Triq Carmelo Ritchie jigifieri, kontrarjament ghal dak li xehed Gatt. Gatt ma kienx saq lejn in-naha l-ohra tat-triq jew, jekk kien saq, kien beda l-manuvra tar-*reverse* u rriversja ghall-i*spot* fejn sehh l-incident.

Certament, il-verzjoni ta' Gatt kif xehed quddiem dan it-Tribunal ma tistax tigi accettata ghaliex il-pozizzjoni kif spiccaw il-vetturi wara l-incident tmur proprju kontra dak li qed jghid.

Min-naha l-ohra ghandna x-xhieda ta' Abela li qalet li kienet qieghda ssuq wara l-vettura ta' Gatt. Kienet

warajhom, izda rat il-vettura tieqaf, johrog passiggier, din il-vettura tikser lejn ix-xellug u mbaghad irriversjat ghal fuqha. Hawnhekk ukoll ghandna ftit ta' nkonsistenza billi fil-fatt il-vettura ta' Gatt jidher li kienet qieghda tikser lejn il-lemin u mhux lejn ix-xellug kif qalet Abela izda Abela affermat ukoll illi kienu ghaddew sentejn wara li sehh l-incident u jista' jkun li f'dan ir-rigward kienx lejn ix-xellug jew lejn il-lemin setghet kienet zbaljata.

Tenut kont il-premess it-Tribunal jidhirlu illi l-verzjoni l-aktar verosimili ta' kif sehh l-incident huwa fis-sens illi Gatt kien qed isuq quddiem Abela. Huwa waqaf biex nizel il-Germaniz izda t-Tribunal huwa konvint illi Gatt effettivament wara li nizel il-Germaniz saq lejn in-naha l-ohra tat-triq u li effettivament beda jirriversja. Filwaqt li kien qed jirriversja giet il-vettura misjuqa minn Abela u z-zewg vetturi habtu flimkien. Gatt accetta dak il-hin ta' l-incident li ma kienx ra lil Abela gejja w anki ammetta l-istess haga lil dan it-Tribunal.

It-Tribunal jidhirlu illi f'cirkostanzi simili z-zewg sewwieqa ghandhom responsabbilta' ghall-kollizjoni in kwistjoni ghalkemm fir-rigward ta' Gatt ir-responsabbilta' hija daqsxejn aktar.

Fir-rigward ta' Gatt, it-Tribunal huwa konvint li huwa kien qed jaghmel manuvra ta' *reversing* minghajr ma qaghad attent kienx hemm traffiku iehor gej ghalkemm huwa probabbli li ma basarx li kien ser ikun hemm traffiku iehor tant li t-triq fl-istat li kienet ma kienetx wahda traffikuza u kienet ghadha *under construction*.

Fir-rigward ta' Abela, t-Tribunal jidhirlu li ghandha tbati parti mir-responsabbilta' ghas-semplici fatt illi ghalkemm hija nnotat lil Gatt qed isuq quddiemha, hija bilfors indunat li dan kien qed jirriversja u ma jirrizultax li hadet ebda passi sabiex tevita l-kollizjoni izda semplicement baqghet diehla go fih. Hija kienet qieghda tara dak li qed jigri quddiemha izda ghar-raguni nspjegabbli minflok ma hadet prekawzjonijiet xierqa, baqghet diehla fil-vettura ta' Gatt u fin-nuqqas ta' spjegazzjoni xierqa t-Tribunal m'ghandux

alternattiva hlief li jallokalha parti mir-responsabbilta' ghalkemm dan fi grad inqas minn dik ta' Gatt.

Illi ghalhekk fic-cirkostanzi fuq imsemmija t-Tribunal jidhirlu li l-kollizjoni ghandha tkun imputabbli kwantu ghal zewg terzi (2/3) ghal Gatt u terz (1/3) ghal Abela.
Fir-rigward tad-danni ma jidhirx li hemm kontestazzjoni u dawn jinsabu debitament ippruvati.

Illi l-ammont mitlub mill-atturi huwa ta' erba' mija u tlieta u disghin lira Maltin u sitta u sebghin centezmu (Lm493.76c) li zewg terzi (2/3) minnhom jigu *rounded off* ghal tlett mija u tletin lira Maltin (Lm330) – din hija s-somma li l-konvenut ghandu jigi kkundannat ihallas lill-atturi.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jiddikjara li l-kollizjoni in kwistjoni sehhet b'responsabbilta' kemm ta' Francis Gatt kif ukoll ta' Shirley Abela fi grad ta' zewg terzi (2/3) fil-konfront ta' Gatt u terz (1/3) fil-konfront ta' Abela u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-atturi s-somma ta' tlett mija u tletin lira Maltin (Lm330) bl-interessi.  L-ispejjez ikunu kwantu ghal zewg terzi (2/3) ghall-konvenut u terz (1/3) ghall-atturi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------